**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 35**

**IL-HAMIS 10 TA' APRIL 2014 FIL-5.00PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier P. Fenech u A. Chetcuti ma setgħux jkun prezenti minħabba ragunijiet ta' mard u l-Kunsillier R. Rossignaud kien assenti.

**IS-SINDKU QAL IT-TALBA**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Seduta Nru.34 ġew approvati. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier C.Said ssekondat.

Is-Sindku ppropona li ssir sosspenzjoni ta' l-Agenda sabiex il-Perit tal-Kunsill u l-Kuntrattur responsabli mix-xoghlijiet ta' kostruzzjoni tat-Triq il-Qasam, li kienu prezenti, ispjegaw fid-dettal ix-xoghlijiet li saru. Il-hin kien il-17.10.

*Il-Perit tal-Kunsill spjega fid-dettal dwar –xoghlijeit ta'kostruzzjonibit-tarmak u tal-bankini li saru fi Triq il-Qasam fit-tielet fazi. Huwa rraporta wkoll li t-tarmak li inghata f' din it-triq saru diversi testijiet fuqu u jirrizulta li kollox sar kif suppost u li t-tarmak huwa ta' kwalita' tajba. Il-Perit se jħejji rapport dwar dawn ix-xogħlijiet li se jiġi aness ma' dawn il-Minuti. Il-Kuntrattur pprezenta lill-Kunsill, il-kontijiet ta' dawn ix-xoghlijiet.*

Il-laqgha reggħet bdiet fis-7.10pm.

Il-Kunsill kompla jiddiskuti fit-tul ix-xoghlijiet ta' Triq il-Qasam u gie deciz li hekk kif il-Kunsill jircievi certifikazzjonijiet kollha mill-Perit, il-Kunsill jkun jista' jhallas l-kont li gie pprezentat. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Il-Kunsillier M. Fava talab biex jigi skuzat. Il-hin kien 19.45.

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV

1. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li l-ufficjal tad-Dipratiment tas-Servizz Socjali li qed jigi kull nhar ta' Hamis informa li hemm bzonn li jinxtara laptop sabiex jintuza ghal dan is-servizz. Wara diskuzzjoni gie deciz li jintalbu xi kwotazzjoinijiet ghal dan il-laptop. Kien hemm qbil unanimu li dan jinxtara.

2. Huwa nforma li l-Kunsillier R. Rossignaud kien assenti ghal aktar minn 5 laqghat minghajr ma jinnotifika lill-Kunsill minn qabel. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill idecieda unanimament li dwar din il-materja ghandha tinkiteb ittra lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kif stipulat fil-Ligi.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv irrakomonda li l-haddiema klerikali jitilghu *notch* fl-istess skala (13) hekk kif stipulat fil-Collective Agreement. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill qabel unanimanent.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV – ikompli**

4. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li huwa attenda għas-seminar dwar skema aċċessibilita' fil-lokalita'. Huwa spejga fid-dettal dwar din l-iskema. Il-Kunsill unanimament qabel li jipparteċipa f' din l-iskema. Huwa ħa l-inkarigu li jinforma lill-Perit tal-Kunsill sabiex dan jibda' bid-disinji tal-proġett.

5. Il-Kunsill gie nfurmat li nhar it-Tnejn 28 ta' April bejn il-5.30pm u 6.00pm ser tigi nawgurata l-Ghassa l-gdida mic-Centru Civiku. Ghal din il-laqgha se jkun prezenti ukoll il-Minitru responsabli u anke l-Kummissarju tal-Pulzija. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill talab sabiex jigu ordnati soft drinks u 3 items ta' l-ikel u biex jkun hemm prezenti ukoll Fr. Tony Aguis. Ġie irrakomondat sabiex kull min jista' jattendi.

Il-laqgha spiccat fit-8.15pm u sar aggornament ghal
nhar it-Tlieta 22 ta' April 2014.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**